MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-1 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 1058/2008

**Bank of Valletta p.l.c.**

**-vs-**

**Bruno u Susan miżżewġin Tucci**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-21 ta’ Ottubru 2008 li permezz tiegħu s-socjeta’ attriċi ppremettiet:

1. Illi, in forza ta’ bejgħ in subasta numru 145/2006 miżmum taħt l-awtorita’ ta’ din l-Onorabbli Qorti nhar l-20 ta’ Mejju 2008 ġie liberat a favur tas-socjeta’ attriċi, l-garaxx li jinsab f’*basement*, liema *basement* jifforma parti minn blokk t’appartamenti mingħajr numru uffiċjali, u li jismu *‘Luton Court’* ġewwa Birkirkara, aċċessibbli minn *drive in* fi Triq F. Geneste, li jġib in-numru mhux uffiċjali sitta (6) u li jinsab fuq in-naħa tax-xellug tad-*drive in*, u li

jikkonfina mit-tramuntana ma’ l-imsemmija *drive in* u mill-irjieħat l-oħra ma’ proprjeta’ ta’ Joseph Mamo u Paul Agius jew is-suċċessuri fit-titolu tagħhom, filwaqt li l-blokk t’ appartamenti li jifforma parti minnu dan il-garaxx jikkonfina mil-lvant ma’ l-imsemmija triq, mit-tramuntana ma’ proprjeta’ ta’ Joseph Mamo u Paul Agius jew is-suċċessuri fit-titolu tagħhom u minn nofsinhar ma’ proprjeta’ ta’ l-eredi ta’ Paul Vassallo, soġġett għas-servitujiet tad-*drains* u sistema tad-drenaġġ li tgħaddi minn ġo saqaf ta’ l-imsemmi garaxx, liberu u battal, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, kif aħjar jidher mill-kopja tal-liberazzjoni hawn annessa u markata Dok. “A”;

2. Illi, għalhekk illum il-konvenuti qed jokkupaw dan il-fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

3. Illi, l-attriċi taf personalment illi saret il-liberazzjoni favur tagħha tal-fond indikat fid-dokument “A” hawn anness.

4. Illi, l-konvenuti ġew interpellati sabiex jiżgombraw mill-imsemmi fond u dan permezz ta’ ittra uffiċjali datata 23 ta’ Settembru 2008 li kopja tagħha qed tiġi hawn esebita u markata Dok. “B”, iżda dawn baqgħu inadempjenti.

Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu l-konvenuti għaliex m’għandhiex din l-Qorti tilqa’ t-talbiet tas-soċjeta’ attriċi li qeda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti qed jokkupaw il-garaxx li jinsab f’*basement*, liema *basement* jifforma parti minn blokk t’appartamenti mingħajr numru uffiċjali, u li jismu *‘Luton Court’* ġewwa Birkirkara, aċċessibbli minn *drive in* fi Triq F. Geneste, li jġib in-numru mhux uffiċjali sitta (6) u li jinsab fuq in-naħa tax-xellug tad-*drive in*, u li jikkonfina mit-tramuntana ma’ l-imsemmija *drive in* u mill-irjieħat l-oħra ma’ proprjeta’ ta’ Joseph Mamo u Paul Agius jew is-suċċessuri fit-titolu tagħhom, filwaqt li l-blokk t’appartamenti li jifforma parti minnu dan il-garaxx jikkonfina mil-lvant ma’ l-imsemmija triq, mit-tramuntana

ma' proprjeta' ta' Joseph Mamo u Paul Agius jew is-suċċessuri fit-titolu tagħhom u minn nofsinhar ma' proprjeta' ta' l-eredi ta' Paul Vassallo, soġġett għas-servitujiet tad-*drains* u sistema tad-drenaġġ li tgħaddi minn ġo saqaf ta' l-imsemmi garaxx, liberu u battal, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, mingħajr ebda titolu validu fil-liġi, u

2. Tordna illi, in konsegwenza l-istess konvenuti fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss, jiżgombraw mill-garaxx li jinsab f'*basement*, liema *basement* jifforma parti minn blokk t'appartamenti mingħajr numru uffiċjali, u li jismu *'Luton Court'* ġewwa Birkirkara, aċċessibbli minn *drive in* fi Triq F. Geneste, li jġib in-numru mhux uffiċjali sitta (6) u li jinsab fuq in-naħa tax-xellug tad-*drive in*, u li jikkonfina mit-tramuntana ma' l-imsemmija *drive in* u mill-irjieħat l-oħra ma' proprjeta' ta' Joseph Mamo u Paul Agius jew is-suċċessuri fit-titolu tagħhom, filwaqt li l-blokk t'appartamenti li jifforma parti minnu dan il-garaxx jikkonfina mil-lvant ma' l-imsemmija triq, mit-tramuntana ma' proprjeta' ta' Joseph Mamo u Paul Agius jew is-suċċessuri fit-titolu tagħhom u minn nofsinhar ma' proprjeta' ta' l-eredi ta' Paul Vassallo, soġġett għas-servitujiet tad-*drains* u sistema tad-drenaġġ li tgħaddi minn ġo saqaf ta' l-imsemmi garaxx, liberu u battal, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, u jħallu l-istess immobbli liberu u battal favur is-soċjeta' attriċi.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 23 ta' Settembru 2008 u bir-riserva għall-kwalsiasi azzjoni ulterjuri spettanti lis-soċjeta' attriċi kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati naqsu li jippreżentaw risposta ġuramentata u għalhekk huma kontumaċji skond il-liġi;

Rat l-atti proċesswali;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Marzu 2009 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi kif indikat fir-rikors promotur ma ġiex kontestat u l-konvenuti baqgħu kontumaċji;

**Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi fil-kontumaċja tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi u għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' xahrejn. L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------